MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 71/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mariella Bugeja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mariella Bugeja talli fl-10 ta’ Ottubru, 2002 ghal habta ta’ 00.50 a.m. fi Triq it-Tromba, Marsa:

(1) f’ xi triq jew f’ post iehor pubbliku jew f’ xi post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew skopijiet immorali;
(2) offendiet il-pudur jew il-morali, b’ eghmil li sar fil-lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;
(3) aktar tard fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, ingurjat jew heddet lil PS1330 A. Schembri, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-ervizz

jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
(4) volontarjament kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied;
(5) bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor; u
(6) kisret diversi sentenzi sospizi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija lilha fit-2 ta' Awissu, 2002 mill-Magistrat Dr S. Demicoli LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' April 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Mariella Bugeja mhux hatja skond il-hames imputazzjoni u minnha lliberata izda sabitha hatja skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kundannata (a) fuq l-ewwel imputazzjoni **tlett xhur prigunerija**, (b) fuq it-tieni imputazzjoni **xaharejn prigunerija** u **mitt lira multa**, (c) fuq it-tielet imputazzjoni **hamsa w ghoxrin lira ammenda**, (d) fuq ir-raba' imputazzjoni **hamsa w ghoxrin lira ammenda**, u (e) fir-rigwarda tal-hames imputazzjoni ordnat li jigu rezi operattivi l-erba' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Awissu, 2002 fil-konfront ta' l-istess Mariella Bugeja -- kawzi numru 7, 14, 15 u 36 ta' dik l-udjenza tat-2 ta' Awissu, 2002 -- fejn hija kienet giet ikkundannata *inter alia* **tlett xhur prigunerija**, **xaharejn prigunerija**, **xaharejn prigunerija** u **xaharejn prigunerija** rispettivament – total, ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda piena restrittiva tal-liberta` personali ta' **erbatax-il xahar prigunerija** meta wiehed iqis l-attivazzjoni ta' dawn l-erba' sentenzi u l-prigunerija fir-rigward ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mariella Bugeja, minnha pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2003, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2003 il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li f'dan il-kaz ma kienitx intalbet is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza

appellata skond ma jipprovdi l-Artikolu 416 tal-Kodici Kriminali. L-abbili difensur tal-appellata fisser li dan gara peress li meta inghatat is-sentenza fit-30 ta' April, 2003, l-appellanti kienet qed tiskonta sentenza ohra ta' prigunerija u ghalhekk bi zvista ma saritx it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-30 ta' April, 2003. Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas ta' tali talba gie pparifikat ma' l-akwijixxjenza, liema akwijixxjenza hija in konflitt mal-volonta` li wiehed jappella (ara, fost diversi sentenzi, ***Il-Pulizija v. Michael Grech*** App. Krim. 20 ta' Dicembru, 1996). Huwa veru li din il-Qorti rrikonoxxiet certi eccezzjonijiet ghal din ir-regola, pero` ebda wahda minnhom ma tapplika ghall-kaz in dizamina[1]. Din il-Qorti, ghalhekk, ma ghandha ebda alternattiva hlief li tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Fl-udjenza imsemmija, cioe` tal-21 ta' Novembru, 2003, din il-Qorti kienet fissret il-hsieb taghha li jista' jkun hemm lok ghal rakkomandazzjoni, da parti taghha, lill-awtorita` kompetenti ghall-klemenza fir-rigward ta' l-appellanti. Wara, pero`, li ezaminat sew il-fedina penali tal-appellanti, din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandha taghmel ebda pronunzjament f'dan is-sens, u ghalhekk thalli kompletament impregudikata u f'idejn l-awtorita` Ezekuttiva tal-Gvern il-kwistjoni kollha ta' jekk, b'ezercizzju tas-setghat moghtija bil-Kostituzzjoni lill-Kap ta' l-Istat, ghandux ikun hemm xi forma ta' mahfra jew riduzzjoni fil-piena fir-rigward tas-sentenza tat-30 ta' April, 2003.

Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tieghu.

[1] Din il-Qorti tippreciza, ghal kull buon fini, li l-eccezzjoni li giet rikonoxxuta fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Mifsud***, u cioe` meta l-appell ikun mill-piena ta' prigunerija sospiza, mhix applikabbli ghall-kaz *de quo* peress li f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati, bis-sentenza taghha tat-30 ta' April, 2003 ma imponietx sentenza ta' prigunerija sospiza, izda attivat sentenzi ta' prigunerija precedentement moghtija u li kienu sospizi, liema sentenzi allura gew ezegwibbli immedjatament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------